**FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Avv. Dr Christopher Chircop**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 3 ta' Frar 2025**

Talba Numru: 17/2023 CC

**Claudine Borg [KI 0047875 (M)]**

**Vs**

**Susanne Farrugia [KI 407675 (M)] u b'digriet mogħti minn dan it-Tribunal fit-21 ta' Frar 2023 ġiet kjamata in kawża Sarah Ann Gatt [KI 463780 (M)].**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-16 ta' Jannar 2023 fejn l-attriċi talbet li t-Tribunal jikkundanna lil konvenuta Susanne Farrugia sabiex tħallasha s-somma ta' tlett elef u erba' mitt Ewro (€3,400), rappreżentanti flus li ġew ġew mgħoddija mill-attriċi lill-konvenuta għall-akkomodazzjoni, liema arranġament qatt ma avvera ruħu.

L-attriċi talbet l-ispejjeż inklużi dawk tas-sekwestru kawtelatorju fl-ismijiet premessi, li qed jiġi intavolati kontestwalment ma din it-talba, bl-imgħax legali sad-data tal-pagament effetiv, u l-konvenuta li hija minn issa in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta Susanne Farrugia preżentata fis-16 ta' Frar 2023 fejn sostniet illi t-talba tal-attriċi għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż għaliex:

1. Illi in linea preliminari, l-esponenti ma hijiex il-leġittimu kontradittur f'din il-kawża u dan in kwantu l-arranġament għall-akkomodazzjoni msemmi fit-talba tal-attriċi huwa arranġament li seħħ bejn l-attriċi u bejn ċertu Sarah Ann Gatt u l-esponenti kienet merament qiegħda tagħmilha ta' korrispondent bejn il-partijiet;

2. Illi f'kull każ, iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, ladarba l-arranġament imsemmi ġie mwiegħed mill-imsemmija Sarah Ann Gatt, din tal-aħħar għandha tiġi msejħa fl-atti tal-Avviż odjern bħala parti mill-proċeduri odjerni ;

3. Illi fil-mertu iżda mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi għal-ħlas tas-somma fl-ammont ta' tlett Elef u erba' mitt Ewro (€3,400) fil-konfront tal-esponenti hi nfondata fil-fatt u fid-dritt ;

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

   Bl-ispejjeż.

Ra ir-Risposta tal-kjamata in kawża Sarah Ann Gatt preżentata fit-3 ta' Diċembru 2020 fejn fiha sostniet li:

1. Illi t-talba tal-attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, senjatament peress illi l-kjamata in kawża Sarah Ann Gatt, mhux il-leġittimu kontradittur tant li ma għandha l-ebda konoxxenza ta' ebda persuna bl-isem ta' Claudine Borg, u dan kif se jirriżulta waqt s-smiegħ tal-istanti.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra li l-partijiet iddikjaraw li m'għandhomx aktar provi xi jressqu u ddikjaraw il-provi bħala magħluqa.

Ra  x-xhieda.

Ikkunsidra l-provi dokumentarji kollha.

Ra l-atti proċesswali kollha.

Ra u semgħa it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

Ra li t-Talba tħalliet għas-sentenza.

**Ikkunsidra**

Illi in sostenn tat-talba tagħha kontra l-konvenuta u l-kjamata in kawża, l-attriċi ressqet is-segwenti provi:

1. **Anthony Bonnici in rappreżentanza tal-GO,** sostna li mit-tlett numri tal-mobiles indikati fl-inġunzjoni, in-numru 79315227 hija linja tal-GO pero l-linja hija pre-paid u mhijiex irreġistrata.

2. **Stefania Calafato Testa,** fix-xhieda sostniet li fis-sistema ma nstabx li Susanne Farrugia għandha xi proċeduri kriminali pendenti fil-konfront tagħha u lanqas li kien hemm xi proċeduri fil-konfront tagħha.

   Min naħa l-oħra fil-konfront ta' Sarah Ann Gatt instab li kien hemm diversi proċeduri kriminali fil-konfront tagħha fosthom waħda pendenti rigward falsifikazzjoni, frodi u misappropriazzjoni.

3. **Charmaine Zammit in rappreżentanza ta' EPIC,** sostniet li mit-tlett numri tal-mobiles indikati fl-inġunzjoni, in-numru 99962132 hija linja tal-EPIC pero l-linja mhijiex irreġistrata.

4. **Christine Attard in rappreżentanza ta' Melita** xehdet li n-numru 77475592 huwa rreġistrat f'isem Bernardette Farrugia detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 316086(M) residenti fl-indirizz Entratura 2, Block A, Flat 3, Triq il-Balliju Guttenburg l-Imsida Swatar, Msida.

5. **L-Affidavit tal-attriċi Claudine Borg** fejn fih sostniet li hija ilha taf lil Susanne Farrugia għal tmienja u erbgħin sena. Pero meta kibru kienu inqatgħu xi ftit. Xi ħames snin ilu kienu ċemplu lil xulxin. Issostni li Sue kellha żewġ linji tal-mobile ċellurali. Dawn kienu 77475592 u 99962132. Hija kienet ikkellimha u ċċemplilha fuq 77475592.

   Issostni li hija kienet qalet lil Sue li tixtieq li toqgħod tal-Pieta' minflok Santa Venera biex tkun viċin ommha. Sue kienet staqsitha jekk hijiex interessata li tixtri post, izda hija nfurmata li ma kellhiex flus biex tixtri post għax dak iż-żmien kienet tgħix b'tar-relief. Sue nfurmatha li tal-Housing għandhom xi postijiet bi ftit flus. Saħansitra staqsietha jekk ommha xtaqetx tixtri l-flat li kienet qegħda toqgħod fih, għax il-flat kien tal-Housing u hija kienet tirranġalha biex tixtrih anke b'€5000. Sue qaltilha wkoll li jekk it-tifel il-kbir tagħha xtaq jixtri xi post hija kellha xi postijiet li seta' jixtri bi ftit flus. Minn dakinhar il-quddiem baqgħu iċemplu lil xulxin u jitkellmu fuq messenger u dan ha rigward dawn il-postijiet.

   Fl-affidavit tagħha Claudine Borg ssostni li hija kienet tħajret biex tapplika ħalli jkollha post tagħhha, iżda dak iż-żmien hija ma kellhiex biex tħallas lil Sue id-depożitu sabiex tapplika mal-Housing biex takkwista l-post. Għalhekk hija kelmet lil ommha u minkejja li ommha kienet xi ftit dubjuża madanakollu tatha l-flus biex tħallas id-depożitu.

   Hija kienet iltaqgħet ma Sue ġewwa s-Swatar, ħdejn id-dar ta' Sue u kienet ħalsitha cash l-ammont ta' €1500 u cjoe' d-depożitu mitlub. Hija bdiet tirċievi messaġġi li l-applikazzjoni tagħha għaddiet mill-Housing Authority. Dawn il-messaġġi kienu jintbagħtu minn persuna li kienet tiddentifika ruħha bħala Nadine Caruana is-segretarja tal-Housing (annessi mal-affdivait bħala DOK CB2)

F'dawn il-messaġġi, l-persuna li kienet tibgħatilha l-messaġġi kienet qegħda titlobha sabiex tgħaddi aktar flus lil Sue u fil-bidu hekk kienet tagħmel.

Darba minnhom missier Sue infurmaha li anke hu kien ha jixtri post tal-Housing u għalhekk hija aktar ikkonvinċiet ruħha li Sue kienet se taqdiha.

It-tifel tal-attriċi wkoll xtaq li jixtri post mingħand il-Housing, iżda minħabba li ma kienx jaħdem ma kellux biex iħallas id-depożitu. Sue infurmata li d-depożitu kienet se tħallsu hi imbagħad meta jibda jaħdem iħallasha. Pero minkejja li Sue fil-bidu qaltilha li kienet ħarġet depożitu ta' €875, imbagħad qalet li ħarġet €800, fir-realta' Sue ma kienet ħarġet xejn minn butha u fil-fatt hija qatt ma talbitha biex tħalasha imqar ċenteżmu wieħed rigward dan id-depożitu. Hija temmen li Sue kienet qaltilha li kienet ha toħroġ id-depożitu tat-tifel hi sabiex tkompli tirbaħ il-fiduċja tagħha.

Meta Nadine kienet tgħidilha biex tħallas lil Sue hija kienet tieħu nota fuq kalendarju li għadu għandha (anness DOK CB3). Fuq dak il-kalendarju hemm indikat id-dati li fihom kienet ħalset lil Sue u anke l-ammont ta' flus cash li hija ħalset lil Sue. Hija ltaqgħet biss ma Sue u qatt ma ltaqgħet ma Nadine jew Sarah. Hija kienet anke żammet rendikont ta' flus li kienet ħalset lil Sue fuq pitazz (anness DOK CB4).

Sue kienet marret id-dar b'żewġ karti miktubin bil-biro b'logo tal-Awtorita tad-Djar. Waħda kienet b'dettalji li kienet tindika l-prezz miftiehem fuq il-post tagħha u l-oħra b'dettalji tal-prezz tal-post tat-tifel tagħha. Dawn il-karti kellhom miktub anke file number u għalhekk hija aktar emmnet li kollox kien miexi kif suppost. Dawn il-karti kienu ffirmati minn Miss L.Camilleri. Pero hija qatt ma ltaqgħet ma din il-persuna għaliex hija dejjem iddiljat ma Sue biss. (Karti annessi DOK CB4a u CB4b).

Minkejja li hija kienet talbet lil Sue sabiex tagħtiha l-indirizzi ta' dawn iż-żewġ postijiet, Sue kienet qaltilha biss li dawn il-postijiet kienu quddiem il-każin tal-Pieta' tal-futbol. Meta kompliet tinsisti ma Nadine, Nadine nfurmata li dawn kienu bejn Triq Santa Monika u Triq St Luke's, il-Pieta. Dak iż-żmien hemmhekk kienu telgħin xi postijiet pero dawn il-postijiet imtlew bin-nies u allura żgur li ma kienux huma.

F'Diċmbru 2021, Nadine kienet bagħtitilha xi ritratti ta' kif kien se jkun il-post. Pero hi bdiet tissuspetta ħażin għaliex għalkemm kien għadda ż-żmien minn meta hija kienet ħallset lil Sue madanakollu hija kienet għadha ma rathomx dawn il-postijiet għax dejjem kienu qegħdin iġibulha xi skuża u dejjem iħassru l-appuntament tal-aċċess.
Hija kienet friend fuq facebook ma Sarah Borg, pero hija ma kinitx taf min hi din Sarah Borg. Sue kienet dejjem issemmi lil din Sarah għax kienet il-partner ta' ħuha Brian Borg. Meta daħlet fil-profile ta' Sarah Borg hija kienet sabet l-istess ritratti tal-post li kienu ntbagħtu lilha (DOK CB7). It-tifel tagħha kien fittex dawn l-istess ritratti u sabhom fuq google.

L-attriċi ssostni li hija dejjem kellmet, iltaqgħet u għaddiet il-flus lil Sue u lanqas biss kienet taf min hi din Sarah imbagħad mill-gażżetti kienet saret taf li din kienet Sarah Ann Gatt.

Sue kienet tgħidilha li bintha u l-ex raġel tagħha kienu se jixtru post tal-housing, pero mbagħad meta għadda iż-żmien kienet qaltilha li dawn mhux ha jixtru post u minflok kienet ha tixtri post Bernardette. Illum il-ġurnata Sue hija miżżewġa lil Bernardette. Dak iż-żmien hija ma kinitx taf li Sue kienet f'relazzjoni ma Bernardette. (Messaġġi ta' Sue mibgħuta lill-attriċi fejn semmietilha lil Bernardette annessi u mmarkati DOK CB8).

L-attriċi ssostni li madwar Marzu 2022 hija kienet ċemplet lil Housing u staqsiet għal Nadine Caruana u anke għal persuni li skond Nadine kellhom juruha il-post. Tal-Housing infurmawha li ma hemm ħadd b'dawk l-ismijiet li jaħdmu mal-housing u meta nfurmathom li hija kienet ħallset xi flus bil-quddiem biex fetħet applikazzjoni mal-Housing biex tixtri post, tal-housing infurmawha li huma ma għandhomx postijiet għal bejgħ u li fi kwalunkwe każ huma ma kienux jitolbu flus bil-quddiem. Kienet anke semgħet lil Roderick Galdes jitkellem fuq l-aħbarijiet fejn sostna li l-Housing qatt ma jieħdu flus bil-quddiem u b'hekk bdiet tinduna li Sue kienet daħket biha u ħaditilha l-flus.

Hija kienet bagħtet immedjatament lil Sue iżda Sue qaltilha li Roderick Galdes kien qed jitkellem fuq affarijiet oħra.

Hija kienet għamlet appuntament ma Charmaine tal-Housing biex toħdilha d-dokumenti li kellha iżda qabditha l-Covid u ma marritx. Hija damet ftit bil-covid għax baqgħet kull darba toħroġ positive.

Eventwalment iddeċidiet li kkellem lil Charles l-ex raġel ta' Sue. Huwa nfurmaha li hu wkoll kien tagħha xi flus imma kien induna li din tal-housing kienet scam u tagħtu parti munnhom lura.

F'Mejju 2022 hija ma baqgħetx temmen aktar li l-post se jsir tagħha u għalhekk bdiet tibgħat kontinwament lil Sue li bdiet taqtalha u tevitaha billi ġġibilha ħafna skużi. Hija kienet talbet lil Sue sabiex tagħtiha lura t-€3400. Nadine kienet bagħtitilha fuq whatsapp sabiex tagħtiha lura l-irċevuta. Pero hija kienet żammet photocopy ta' dawn iż-żewġ irċevuti.

Sue kienet marret għal dawn l-irċevuti u talbitha sabiex tibgħat lil Nadine u lil Sarah u tinfurmahom li hija kienet se twaqqaf kollox u riedet flusha lura. Meta talbitha n-numru ta' Sarah, Sue qaltilha li hija ma għandiex in-numru ta' Sarah.

Eventwalment meta bdiet iċċempel lil Sue, il-mobile kien qed ikun mitfi. Imbagħad mill-gażżetti saret taf li Sarah Anne Gatt tressqet il-Qorti minħabba l-iscam tal-Housing.

Hemmhekk indunat li Sue kienet iffrodata u għalhekk kienet marret l-Għassa tal-Ħamrun biex tagħmel rapport mal-pulizija. Minn hemmhekk bagħtuha l-Għassa ta' Birkirkara. Hija marret l-Għassa ta' Birkirkara akkumpanjata mill-partner tagħha Marco Portelli u Charles Tesi fis-19 ta' Mejju 2022. (Rapport anness DOK CB10).

Eventwalment akkumpanjata minn Charles Tesi, kienet marret tirraporta il-Financial Crime Unit ta' Santa Venera. Kienet irrilaxxat statement u żammew il-kopji. Meta staqsithom jekk kienux arrestaw lil Sue huma qalulha li ma jistgħux jagħtuha dik l-informazzjoni.

Milli fehmet hi, Sarah Gatt kienet tgħid li hija Sue Borg, pero l-attriċi tinsisti li hija dejjem ħallset lil Sue u qatt ma tat flus lil ħaddiehor fuq din il-ħaġa.

Nadine Caruana dejjem kienet iċċemplilha bi private number qisu xi darba fil-ġimgħa għal xi 7.10 ta' filgħodu. Kull meta ċemplet lil Sue dejjem Sue kelmitha u ltaqgħet ma Sue wiċċ imbwiċċ għal diversi drabi. Il-flus dejjem għaddiethom lil Sue u għalhekk hija qegħda titlobhom lura mingħand Sue. X'għamlet Sue b'dawk il-flus hija ma tafx, li taf huwa li postijiet tal-housing għal bejgħ ma jeżistux u għalhekk il-flus żgur li ma ntużawx minħabba l-postijiet tal-housing kif kienet wegħditha hi.

In-kontro eżami Claudine Borg ikkonfermat li hija taf lil familja kollha ta' Susanne u kienet taf li ħuha kien f'relazzjoni ma waħda jisimha Sarah, pero hija qatt ma ltaqgħet ma' Sarah u lanqas biss kienet taf kunjomha. Ikkonfermat ukoll li Susanne kienet qaltilha li l-partner ta' ħuha Sarah kienet taf lil xi ħadd mill-Housing Authority u kienet se tkellmu biex tara tistax tirranġalha prezz aħjar peress li kienu ħbieb. Ikkonfermat ukoll li Susanne kienet qaltilha li l-flus kienet se tgħaddihom lil Sarah, imbagħad Sarah kellha tgħaddi dawk il-flus lil ċertu segretarja li kienet taħdem mal-housing. Ikkonfermat ukoll li meta Charles Tesi kien għaddilha n-numru ta' Susanne dawn kienu fi stadju tas-separazzjoni. Ikkonfermat ukoll li Sue kienet tgħidilha li hija kienet titkellem ma Sarah u li lil Nadine qatt ma kelmitha.

6. **L-Affidavit ta' Marco Portelli** fejn huwa sostna li hu u Claudine Borg ilhom f'relazzjoni għal dawn l-aħħar għoxrin sena. Lil Susanne huwa jafha b'mod personali u kellima wiċċ imb'wiċċ għal diversi drabi. Lir-raġel ta' Sue sar jafu wara li ndunaw li din tal-post tal-Housing kienet scam. Fil-fatt huwa ltaqa' għal-ewwel darba miegħu meta marru jagħmlu r-rapport ġewwa l-Għassa tal-Ħamrun. Huwa sostna li jista jikkonferma li Claudine kienet qaltlu li Sue kienet infurmatha li tista' takkwista flat mingħand il-Housing bi prezz baxx ħafna u li kienet qed titħajjar tapplika għax xtaqet li jkollha post tagħha. Minħabba li dak iż-żmien Claudine ma kinitx taħdem, ommha kient tatha il-flus. Kien hu stess li wassalha għand Sue biex tagħtha d-depożitu ta' €1500 sabiex tapplikalha mal-Housing. Huwa ra b'għajnejh stess lil Claudine tgħaddi dawk il-flus lil Sue.

Fl-affidavit tiegħu huwa sostna li dik ma kinitx l-ewwel darba li wassal lil Claudine għand Sue u dan għaliex ċertu waħda Nadine Caruana li Claudine kienet tikkomunika

magħha fuq whatsapp rigward dan il-post kienet titlobha biex tgħaddi xi flus lil Sue, Claudine ħallset b'kollox l-ammont ta' €3,400.

Hu personalment kien ħallas €325, biex jidħol il-freeport iżda meta ma daħalx il-freeport Sue tagħtu l-flus lura. Kienet webblitu wkoll biex iħallasha l-ammont ta' €375, sabiex tirranġalu għal post tal-kera mal-Housing. Huwa kien ħallasha cash.

Meta Claudine kienet tiltaqa ma Sue, ma kien ikun hemm ħadd ma Sue. Huwa qatt ma ltaqa ma Sarah Ann Gatt.

Sue kienet tagħtu in-numru ta' Nadine Caruana u l-istess numru kienet għaddietu lil Claudine. In-numru huwa 79315227 (screenshots anness DOK MP1). Hija kienet tagħtulu minħabba t-€375 li kien ħallas għal post tal-kiri li baqa ma wasal qatt.

Sue kienet tagħtu t-€375 lura. Huwa qatt ma ltaqa' jew ra lil Nadine Caruana u għalhekk huwa ma jafx min hi Nadine Caruana.

In kontro-eżami huwa sostna li nesa jekk Claudine kinitx semmitlu lil ċertu Sarah. Sostna wkoll li Claudine qatt ma kienet qaltlu kif kien jaħdem il-proċess.

Illi sabiex tirribatti t-talba miġjuba fil-konfront tagħha mill-attriċi, il-konvenuta Susanne Farrugia resqet is-segwenti provi:

1. **Antida Farrugia** fix-xhieda tagħha ssostni li hija saret taf lil Sarah Ann Gatt minn Susanne Farrugia meta qaltilhom bl-iskema tal-postijiet. Sarah Ann Gatt kienet infurmathom li wieħed jista jagħzel proprjeta' f'liema lokalita li jkun jixtieq imbagħad hi kkellem lil xi ħadd li kienet taf mill-Housing li jista' jgħaddi postijiet bis-sussidju tal-Gvern. Wara tinfurmak bit-total u tinfurmak ukoll l-ammont ta' depożitu li trid tħallas. Id-depożitu jitħallas cash u tibgħat għalik is-segretarja tal-Housing.

   Ix-xhud sostniet li hija kienet interessat ruħha f'din l-iskema li qatt ma eżistit, u fil-fatt kienet għaddiet l-ammont ta' €40,000 lil Sarah Ann Gatt. Iż-żmien beda għaddej u hija kienet tirċievi l-sms's mis-segretarja tal-Housing u l-proprjeta' qatt ma waslet. Ix-xhud esebiet l-irċevuta ta' €40,000 li kienet tagħtha Sarah Ann Gatt.

In kontro-eżami x-xhud sostniet li s-segretarja kien jisimha Nadine Caruana. Ix-xhud sostniet li lil Nadine Caruana hija ma tafhiex għax qatt ma ltaqgħet magħha. Ix-xhud sostniet li hija kienet għaddiet il-flus lil Sarah Ann Gatt fil-preżenza ta' ommha u ta' Susanne Farrugia.

2. **Joshua Xerri** xehed li huwa sar jaf lil Sarah Ann Gatt għax kienet qaltlu biha Susanne. Skond Sarah Ann Gatt kien hemm xi skema li wieħed seta' jixtri l-postijiet mingħand il-Housing Authority. Sabiex wieħed jidħol f'dik l-iskema ried iħallas. Huwa kien ħallas is-somma ta' €2000, f'depożitu. Il-postijiet kienu irħas u wieħed kull ma kellu jagħmel kien li jħallas id-depożitu mbagħad Sarah Ann Gatt kienet tirranġa kollox hi.

Huwa kien ħallas lil Susanne id-dopożitu u baqa b'xejn. Kull ma tawh kienet karta li ġiet mogħtija lilu mingħand Sarah Ann Gatt li ġiet eżebita in atti.

In kontro-eżami x-xhud sostna li huwa sar jaf lil Susanne Farrugia għax hija l-mara tal-kunjata tiegħu. Huwa sar jaf b'din l-iskema minn Susanne u d-depożitu għaddih lil Susanne. Huwa baqa' qatt ma tħallas lura d-depożitu. Huwa sostna li ma Sarah qatt ma ltaqa'.

3. **Il-Konvenuta Susanne Farrugia** xehdet li hija ilha taf lil Claudine Borg minn meta kienu tfal, Hija sostniet li Sarah Ann Gatt li hija l-partner ta' ħuha kienet qaltilha b'din l-iskema tal-Housing u qaltilha biex tibda tħajjar lin-nies. Hija kienet issuġġerietha fost l-oħrajn lil partner tagħha, lit-tifla tal-partner tagħha u cjoe Antida Farrugia u anke lil Joshua Xerri l-partner ta' Antida Farrugia.

Sarah Ann Gatt kienet qaltilha li hija għandha xi kuntatti ma tal-Housing Authority fuq proprjeta' tal-Gvern li setgħu jingħataw b'sussidju bi prezzijiet baxxi.

Lil Claudine Borg kienet spjegatilha dak li qaltilha Sarah Ann Gatt u cioe li timla applikazzjoni, toħroġ id-deposit u tgħidilha l-area fejn trid il-post u jinfurmawk bil-prezz , kif tħallas id-deposit ħmistax wara tinħareġ l-irċevuta.

Il-konvenuta Susanne Farrugia ssostni li lil Claudine dejjem qaltilha li hija kienet se ssaqsi u tgħid lil partner ta' ħuha Sarah Ann Gatt. Hija ssostni li hija qatt ma ltaqgħet mas-segretarja tal-Housing u kull ma taf hija li jisimha Nadine Caruana u li kienet tiffirma l-karti u li Sarah Ann Gatt kellha l-kuntatti magħha.

Hija ħeġġet sabiex jidħlu f'din l-iskema l-aktar nies qrib tagħha għax hija ma kellha l-ebda suspett li Sarah Ann Gatt kienet se tiffrodaha.

L-applikazzjoni kienet tagħtilha Sarah Ann Gatt. Claudine ma setgħetx toħroġ id-depożitu f'daqqa u għalhekk kienet tgħadilha ftit, ftit id-depożitu cash għax Sarah dejjem riedet li d-depożitu jitħallas cash. Il-flus dejjem għaddiethom lil Sarah Ann Gatt.

Wara li tħallsu l-flus, nħarġet l-irċevuta u lil Claudine bdiet tikkuntatjaha s-segretarja. Tant kemm hu hekk li Claudine kienet tinfurmaha bil-korrispondenza li kienet qegħda ssir mas-segretarja. Sarah Ann Gatt qatt ma riedet tiltaqa ma Claudine iżda peress li Sarah Ann Gatt kienet il-partner ta' ħuha hija kienet tafdaha.

Rigward Leon, it-tifel ta' Claudine Borg, li ġara kien li Leon ma kellux biex iħallas id-depożitu u għalhekk hi stess minn butha kienet ħarġet fuq €800. Hija ma kitbitx li kienet ħarġitlu l-flus hi għaliex lil Claudine kienet tafdaha. Claudine kienet taf il-familja kollha tagħha nkluż lil ħuha.

In kontro-eżami x-xhud sostniet li hija qatt ma għamlet il-verifiki tagħha mal-housing biex tassigura li Sarah Ann Gatt kienet qed tgħid il-verita' għaliex lil Sarah Ann Gatt hija kienet tafdaha.

Ix-xhud sostniet li Claudine il-flus dejjem lilha għaddiethom u hija kienet tgħaddihom lil Sarah Ann Gatt. L-irċevuti li kienu jinħarġu mill-Housing kienet tiġborhom mingħand Sarah Ann Gatt. Sarah Ann Gatt kienet tgħid li l-irċevuti kienet tagħtihomlha s-segretarja. Lis-segretarja x-xhud qatt ma kelmitha, qatt ma ratha u qatt ma għamlet kuntatt magħha.

4. **Bernardette Farrugia** xehdet li lil Susanne Farrugia ilha tafha u llum il-ġurnata hija l-mara tagħha. Lil Claudine Borg tafha għax Claudine u Sue kienu jiltaqgħu ħdejn id-dar

ta' Sue, tagħtiha envelope u x-xhud u Sue kienu jmorru bih għand Sarah Ann Gatt. Huma marru jiltaqgħu ma Sarah Ann Gatt sabiex jagħtuha l-flus mogħtija minn Claudine bejn wieħed u ieħor xi tlieta jew erbgħa darbiet. Lil Sarah Ann Gatt għaddewlha madwar tlett elef u erbgħa mija.

In kontro-eżami ix-xhud sostniet li meta Claudine kienet tiltaqa ma Sue sabiex tgħaddilha l-flus, hija ma kinitx tkun magħhom iżda kienet tarahom minn ġot-tieqa. Ix-xhud ikkonfermat li ma Claudine hija qatt ma kellha komunikazzjoni. Ix-xhud sostniet li hija wkoll vittma ta' Sarah Ann Gatt u mexxiet bi proċeduri kriminali fil-konfront ta' Sarah Ann Gatt. Ix-xhud sostniet li lil Sarah ilha tafha għal aktar minn seba' snin u kienet taf li Sarah ma kelliex impjieg mal-housing authority madanakollu kienet tgħidilhom li hemmhekk kellha ħabiba kbira tagħha u kienet tirranġala. Hija sostniet li lil Sarah kienet tafdaha. Sostniet ukoll li ma kienx fil-każ ta' Claudine biss li Sue ġabret il-flus mingħand terzi u għaddiethom lil Sarah.

5. **Sarah Ann Gatt** għażlet li ma tixhidx minħabba li fil-preżent għaddejja minn proċeduri kriminali.

6. **Nota ġuramentata tad-Deputat Reġistratur Christopher Camilleri** li permezz tagħha ppreżenta vera kopja tal-akkużi maħruġa fil-konfront ta' Sarah Ann Gatt li ttieħdu mill-atti tal-kumpilazzjoni Numru 260/2022, filwaqt li kkonferma illi l-partijiet leżi jinkludu lil Claudine Borg u Leon Lanzon kif indikati fl-istess akkuża.

Illi il-kjamata fil-kawża Sarah Ann Gatt ma ppreżentatx provi:

**<u>Ikkunsidra</u>**

Illi mill-provi jirriżulta li l-attriċi Claudine Borg ħallset is-somma ta' €3,400 u dan sabiex hija takkwista post mingħand l-Awtorita' tad-Djar bi prezz irħis. Jirriżulta wkoll li din l-iskema ma kinitx teżisti.

Li huwa kkontestat mill-konvenuta Susanne Farrugia huwa il-fatt li skond hi, hija ma hijiex il-leġittimatur kontradittur f'din il-kawża u dan minħabba l-fatt li l-arranġament għall-akkomodazzjoni msemmi fit-talba attriċi huwa arranġament li seħħ bejn l-attriċi u l-kjamata fil-kawża Sarah Ann Gatt u l-esponenti kienet merament qegħda tagħmilha ta' korrispondent bejn il-partijiet.

Illi fis-sentenza deċiża mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fil-5 ta' Novembru 2020 fl-ismijiet **Raymond Borg vs Vincent Vella u skond il-verbal tat-23 ta' Frar 2017 ġiet kjamata fil-kawża Isabella Bellia** ngħad is-segwenti:

*"...kif jinghad fis-sentenza preliminari in re Frankie Refalo noe v. Jason Azzopardi et (Appell Superjuri, 5 ta' Ottubru, 2001), biex qorti tinvestiga u tistabilixxi jekk parti in kawza kinitx jew le legittimu kontradittur tal-parti l-ohra, l-istess necessarjament tehtieg tivverifika jekk il-persuna citata fil-gudizzju kinitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini minnu proposti. Jekk dan in-nexus jigi stabbilit, il-persuna citata tista' titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici,* ***inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa u dan in kwantu il-premessi ghaliha, jekk debitament provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba mill-parti attrici****. Dan hu hekk l'ghaliex, l-obbligazzjoni, kif jghid l-imsemmi GIORGIO GIORGI, op. cit., §3, p. 3), "non può sussistere senza la persona di un debitore determinato, a cui soltanto è ristretta la relazione giuridica, a cui soltanto se ne può chiedere l'adempimento, a cui soltanto rimane possibilità di violarla."*

Il-konvenuta Susanne Farrugia ssostni li l-attriċi Claudine Borg sa mill-bidunett kienet konsapevoli tal-fatt li l-flus kienu qegħdin jiġu mgħoddija lil kjamata in kawża Sarah Ann Gatt.

Il-konvenuta Susanne Farrugia ssostni wkoll li l-attriċi Claudine Borg kienet taf sa mill-bidunett li l-istess konvenuta Susanne Farrugia ma kellha x'taqsam xejn ma din l-iskema u l-kuntatti mal-Housing kienu qegħdin isiru biss minn Sarah Ann Gatt.

Min-naħa l-oħra l-attriċi ssostni li kienet il-konvenuta Susanne Farrugia li nfurmata bl-iskema tal-housing u l-flus għaddiethom lil Susanne Farrugia. Issostni wkoll li hija taf biss u ltaqgħet biss mal-konvenuta Susanne Farrugia. L-attriċi Claudine Borg tinsisti li hija la qatt iltaqgħet ma Sarah Ann Gatt u lanqas biss kienet tafha.

It-Tribunal isostni li l-pern ta' kollox huwa jekk l-attriċi Claudine Borg kinitx taf li l-flus li kienet qegħda tgħaddi lil konvenuta Susanne Farrugia kellhom jiġu mgħoddija lil Sarah Ann Gatt u li l-istess attriċi kienet taf ukoll li l-konvenuta Susanne Farrugia ma kellha x'taqsam xejn fl-ipproċessar tal-applikazzjoni tagħha mal-Awtorita' tad-Djar sabiex hija takkwista flat bi prezz irħis. F'kelma waħda jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk l-attriċi kinitx qablet mal-konvenuta Susanne Farrugia li l-flus jiġu mgħoddija lil Sarah Ann Gatt, sabiex imbagħad Sarah Ann Gatt tipproċedi bl-applikazzjoni tal-attriċi Claudine Borg mal-Housing Authority u dan sabiex eventwalment l-attriċi takkwista flat mingħand il-Housing bi prezz irħis u cjoe bi prezz sussidjat.

Apparti minnhekk jeħtieġ li jiġi stabbilit ukoll jekk il-konvenuta Susanne Farrugia kinitx konsapevoli li fir-realta ma kienet teżisti l-ebda skema min naħa tal-Housing Authority sabiex jiġu akkwistati flats bi prezz irħis u xorta waħda ħadet dawn il-flus mingħand l-attriċi.

Eventwalment jekk jiġi stabbilit li l-attriċi kienet taf li l-uniku rwol tal-konvenuta kien biss li tgħaddi l-flus lil Sarah Ann Gatt u xejn aktar, kif ukoll jiġi stabbilit li l-konvenuta ma kinitx taf li tali skema tal-housing ma kinitx teżisti, allura mbagħad ikun meħtieġ li jiġi stabbilit li l-konvenuta tabilħaqq kienet għaddiet il-flus mgħoddija lilha mill-attriċi lil kjamata in kawza Sarah Ann Gatt.

Fil-kontro-eżami tagħha, meta l-attriċi Claudine Borg ġiet mistoqsija:

*Mela ll-mistoqsija tiegħi hija meta inti urejt interess lil Susanne, qbilna li semmietlek li kienet se tkellem lil Sarah biex tara tirranġalekx prezz aħjar lilek peress li kontu lkoll ħbieb ?*

Hija rrispondiet:

*Iva.*

Mistoqsija:

*Se naqblu wkoll li l-proċess kien jinvolvi kif spjegat Susanne* ***li Susanne kienet se tagħti d-deposit lil Sarah, imbagħad Sarah kienet se tagħti dan id-deposit lil tal-Housing***

Hija rrispondiet:

*Hekk kienet....*

*Dr Margo Zammit Fiorentino:*

*...lil ċertu segretarja, hekk hux ?*

*Xhud:*

***Hekk kienet qalet.***

*Dr Margo Zammit Fiorentino:*

*Naqblu. Pero naqblu li dak kollu spjegatulek Susanne.*

*Xhud:*

***Spjegatuli.***

*Meta ġiet mistoqsija:*

*Issa inti, in vista tal-fatt li la stabbilixxejna li Susanne minn dejjem semmithielek lil Sarah, qatt staqsejtha lil Susanne min hi Sarah ? Jekk tistax tkellem lil Sarah int direttament ?*

Hija rrispondiet:

*Le, lanqas qatt, għax jien peress li kont ħabiba ma Sue kont nafda lilha u allura dejjem iddiljajt magħha...*

*Dr Margo Zammit Fiorentino:*

*Pero', kont taf li din Sarah tiġi minnhom ukoll indirettament.*

*Xhud:*

*U żgur kont naf.*

Meta ġiet mistoqsija:

*Imbagħad terġa tgħidlek, lil Nadine qatt ma kellimtha, dejjem lil Sarah. Xi tgħidli dwar dan il-messaġġ allura ? Naqblu li għamlitha ċara miegħek li dejjem ma Sarah kienet titkellem ?*

*L-attriċi wieġbet:*

***Hi hekk kienet tgħid,*** *imma fil-verita' jien ma nafx.*

It-Tribunal isostni li mill-provi jirriżulta li l-attriċi kienet taf li l-flus li hija kienet qegħda tgħaddi lil konvenuta Susanne Farrugia, l-istess konvenuta kienet se tkun qed tgħaddihom lil kjamata in kawża Sarah Ann Gatt sabiex l-istess Sarah Ann Gatt tibda bil-proċess mal-Housing Authority biex l-attriċi Claudine Borg takkwista mingħand il-Housing post bi prezz sussidjat u cjoe bi prezz irħis.

Issa t-Tribunal jeħtieġlu li jistabbilixxi jekk l-konvenuta Susanne Farrugia kinitx konsapevoli li fir-realta' ma kienet teżisti l-ebda skema min naħa tal-Housing Authority sabiex jiġu akkwistati flats bi prezz irħis.

It-Tribunal ħaseb fit-tul rigward dan il-fatt u dan għaliex huwa evidentament ċar li l-kobbla hija mħabbla u jażżarda jgħid hija mħabbla waħda u sew. Il-konvenuta Susanne Farrugia tinsisti li hija fdat lil Sarah Ann Gatt għaliex hija l-partner ta' ħuha u għalhekk qatt ma basret li kienet se tiffroda n-nies. Minħabba li kienet tafdaha, hija ma kinitx għamlet il-verifiki tagħha mal-Housing sabiex tikkonferma li tali skema verament teżisti.

Susanne Farrugia tinsisti li hija ma tafx min hi Nadine Caruana s-suppost segretarja tal-Housing. Hija ssostni li hi qatt ma ltaqgħet magħha. It-Tribunal jemmen li Nadine Caruana lanqas biss teżisti. Mill-affidavit ta' Marco Portelli jirriżulta li Susanne Farrugia għaddiet il-mobile number ta' Nadine Caruana kemm lilu u anke lill-attriċi Claudine Borg. Jirriżulta wkoll li f'wieħed mill-messaġġi Nadine Caruana kienet infurmat lil Marco Portelli sabiex imur għand l-konvenuta Susanne Farrugia (dak iż-żmien Tesi) sabiex tirrifondilu l-flus li kien ħallas għal suppost applikazzjoni ta' post b'kera sussidjarja li baqgħet qatt ma mmaterjalizżat. Fl-affidavit tiegħu Marco Portelli jikkonferma u jiddikjara li l-konvenuta Susanne Farrugia kienet irrifonditlu lura il-flus li kien ħallas.

Fl-affidavit tagħha, l-attriċi ssostni li din Nadine Caruana permezz ta' whatsapp (annessi mal-affidavit) kienet bagħtitilha xi ritratti tal-flat finished li suppost kellha takkwista mingħand il-Housing. Fl-istess affidavit Claudine Borg issostni li dawn l-istess ritratti kienu jinsabu wkoll fuq il-profile facebook ta' waħda Sarah Borg. Fuq dak il-profile ma kien hemm l-ebda ritratt ta' Sarah Borg.

Mill-artiklu tat-Times of Malta, anness mal-affidavit tal-attriċi jirriżulta li Sarah Ann Gatt kienet tintroduċi lilha nnifisha man-nies bħala Sue Borg, kif ukoll li l-konvenuta Susanne Farrugia (dak iż-żmien Tesi) kienet anke ltaqgħet ma diversi persuni oħrajn li bħal l-attriċi Claudine Borg ingidmu, sabiex jgħaddu l-flus cash lilha.

It-Tribunal isostni li jħossu perpless għall-aħħar kif il-konvenuta Susanne Farrugia ssostni li hija ma ssuspettat xejn ħażin fl-aġir ta' Sarah Ann Gatt. Mill-provi jirriżulta li Susanne Farrugia kienet taf li Sarah Ann Gatt kienet tibgħat lilha biex tiġbor id-depożitu  għax ma riditx turi wiċċha, d-depożitu kien qiegħed jiġi mitlub cash anke meta l-ammont kien ikun pjuttost sostanzjali kif ukoll l-irċevuta kienet qed tkun miktuba bl-idejn.

It-Tribunal għandu wkoll ir-riżervi tiegħu kif il-konvenuta Susanne Farrugia kienet daħlet f'din l-iżbriga u cjoe li toqgħod tmur tiġbor id-depożitu mingħand in-nies u tgħaddi dan l-istess depożitu lil Sarah Ann Gatt mingħajr l-ebda gwadann finanzjarju.

Minkejja dan, it-Tribunal ma' jistax jinjora l-fatt li anke wara li l-attriċi għamlet ir-rapporti tagħha mal-pulizija, jirriżulta li hija biss Sarah Ann Gatt li qegħda tiffaċja proċeduri kriminali rigward dan il-każ. Jidher li fil-konfront ta' Susanne Farrugia ma ġew intavolati l-ebda proċeduri kriminali. Huwa minnu li kawżi kriminali ta' natura sommarja bdew jiġu rreġistrati biss minn Frar tas-sena 2022, pero huwa tassew improbabbli illi kieku ġew intavolati proċeduri kriminali fil-konfront ta' Susanne Farrugia dawn kienu se jkunu ta' natura sommarja. It-Tribunal ma jaqbilx lanqas mal-argument tal-attriċi fl-affidavit tagħha li jista jkun li minħabba li Sarah Ann Gatt kienet tintroduċi lilha nnifisha bħala Sue Borg allura l-investigaturi setgħu ħasbu li l-attriċi għaddiet il-flus lil Sarah Ann Gatt u mhux lil konvenuta Susanne Farrugia.

It-Tribunal jemmen li wara li saret l-investigazzjoni, l-investigaturi ikkonkludew li l-akkużi kriminali kellhom jinħarġu biss fil-konfront ta' Sarah Ann Gatt. (It-Tribunal jagħmilha ċara li ladarba l-proċeduri kriminali fil-konfront ta' Sarah Ann Gatt għadhom pendenti, ċertament li rrispettivament mid-deċizjoni tiegħu, sakemm jiġu deċiżi l-proċeduri kriminali fil-konfront tagħha, Sarah Ann Gatt għandha tibqa tkun preżunta bħala innoċenti).

It-Tribunal se jkun qiegħed jagħti piż enormi u se jkun qiegħed jistrieħ fuq l-fatt li ma ġewx intavolati akkużi kriminali fil-konfront tal-konvenuta Suzanne Farrugia sabiex jiddikjara li l-konvenuta Suzanne Farrugia ma kinitx taf li tali skema tal-Housing u cjoe dik li wieħed setgħa

jakkwista propjeta' bi prezz irħis ma kinitx teżisti fil-mumenti li hija kienet iltaqgħet mal-attriċi Claudine Borg biex tgħaddilha l-pagamenti għad-depożitu.

Għalhekk, issa it-Tribunal jeħtieġ li jistabbilixxi jekk il-konvenuta Susanne Farrugia kinitx għaddiet l-ammont ta' tlett elef u erba' mitt ewro (€3,400) mogħtija lilha mill-attriċi Claudine Borg lil kjamata fil-kawża Sarah Ann Gatt.

Kemm il-konvenuta Susanne Farrugia u anke Bernardette Farrugia jsostnu li l-ammont mħallas mill-attriċi Claudine Borg lill-konvenuta Susanne Farrugia fil-fatt kien ġie mgħoddi lil kjamata fil-kawża Sarah Ann Gatt.

It-Tribunal ma' għandu quddiemu l-ebda prova li b'xi mod tista tikkontradixxi dak sostnut mill-konvenuta Susanne Farrugia u Bernardette Farrugia u cjoe li l-ammont mħallas mill-attriċi Claudine Borg lill-konvenuta Susanne Farrugia kien ġie mgħoddi lil kjamata fil-kawża Sarah Ann Gatt.

Għalhekk it-Tribunal jiddikjara li jirriżulta li l-ammont ta' tlett elef u erba' mitt ewro (€3,400) mogħtija lil konvenuta Susanne Farrugia mill-attriċi Claudine Borg fil-fatt kien ġie mgħoddi lil kjamata fil-kawża Sarah Ann Gatt.

Ladraba dan it-Tribunal jirriżultalu li l-attriċi Claudine Borg kienet taf li l-flus li kienet qegħda tgħaddi lil konvenuta Susanne Farrugia kellhom jiġu mgħoddija lil kjamata fil-kawża Sarah Ann Gatt u li dawn il-flus kienu fil-fatt ingħataw lil kjamata fil-kawża Sarah Ann Gatt, kunsidrat kollox u l-partikolarità tal-fatti ta' dan il-każ, in forza ta' dik il-ġustizzja ekwitattiva rivestita f'dan it-Tribunal, l-istess jemmen li t-talba tal-attriċi għandha tintlaqa biss fil-konfront tal-kjamata in kawża Sarah Ann Gatt.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant**, għall-motivi u kunsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula u konsistentement magħhom, it-Tribunal qed jiddeciedi dan il-kaz billi, filwaqt li jilqa l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta Susanne Farrugia, jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kjamata in kawża Sarah Ann Gatt bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u qed jilqa' t-talba attriċi fil-konfront biss tal-kjamata in kawża Sarah Ann Gatt, b'dan illi jiddikjara lil kjamata in kawża Sarah Ann Gatt debitriċi ta' l-attriċi fis-somma ta' tliet t'elef u erba' mitt ewro (€3,400.00c) u konsegwentement jordna lill-istess kjamata in kawża Sarah Ann Gatt tħallas lill-attriċi dan l-imsemmi ammont ta' tliet t'elef u erba' mitt ewro (€3,400.00c), bl-imgħax legali dekorribbli mis-16 ta' Jannar 2023 sad-data tal-ħlas effettiv u finali.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri inklużi dawk in konnessjoni mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 196/2023 ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jitħallsu unikament mill-kjamata in kawża Sarah Ann Gatt.

**Avv Dr Christopher Chircop**
**Ġudikatur**

**Rosanne Piscopo**
**Deputat Reġistratur**